MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 586/2008

**Allied Newspapers Limited (C-308)**

**Vs**

**NTT Creations Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Awissu, 2008, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn, mitejn u tmienja u hamsin euro u zewg centezmi (Euro2,258.02c), rapprezentanti prezz ta` servizzi debitament rezi mis-socjeta` mittenti fuq ordnijiet ta` l-intimat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra interpellatorja datata 23 ta` Frar, 2007 u ta` l-ittra ufficcjali u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta li rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm ir-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta gew debitament notifikati, huma baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi ghalkemm debitament imsejjha biex jidhru ghas-seduta ta` l-10 ta` Ottubru, 2008 huma naqsu li jaghmlu dan.

Ra li r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta baqghu ma wiegbux u anqas ma dehru ghal mistoqsijiet impoggija lilhom in subizzjoni la fis-seduta ta` l-10 ta` Ottubru, 2008 u anqas ghas-seduta ta` llum u ghalhekk dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala debitament mistqarra mill-istess konvenuti nomine.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess kumpanija attrici s-somma mitluba ta` Euro2,258.02c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------